# *Spinola*

kitba ta' Prof. Stanley Fiorini

Sa żmien l-Assedju l-Kbir il-Maltin u l-Għawdxin kienu jaħabru l-kosta ta' dawn il-gżejjer bħall-bard ta' Jannar għaliex il-ħbit li kien iseħħ ta' sikwit mill-furbani ta' Barbarija qajla kien hawn biex tiqaflu. Mhux Malti jew tnejn temm ħajtu qasir il-għomor fil-jasar jew ħela ġidu kollu biex jifduh minn jasar kiefer għax ażżarda jersaq wisq qrib lejn il-kosta. Il-folja bdiet tinqaleb biss wara l-Assedju meta l-għadu ħa daqqa ta' ħarta u tgħallem il-lezzjoni li mhux la kemm tħebb għal dawn il-gżejjer, u tgħaddiha lixxa bħal dari.
Bil-għassa madwar xtutna li ssaħħet fis-snin ta' wara - u f'San Ġiljan għandna xhieda ħajja ta' dan għax għadha wieqfa sal-lum: It-Torri ta' San Ġiljan li nbena lejn l-1630, in-nies bdiet trabbi l-qalb u tersaq ftit ftit lejn ix-xatt b'aktar kunfidenza. Għal dan ukoll San Ġiljan jagħti xhieda bid-drawwa, mill-istess żmien, li n-nies tar-rħula kellhom li kienu jiġu għall-quddiesa nhar Lapsi u jieħdu l-ewwel għawma ta' l-istaġun fil-Qaliet ta' taħt il-Knisja ta' Lapsi, il-Qala ta' Barra jew ta' Wied Balluta u dik ta' Ġewwa jew ta' Wied Għomor. Imma tqatta' ġurnata titlajja f'xatt il-baħar u filgħaxija terġa lura mistrieħ għall-kenn tar-raħal bogħod mixxtut ħaġa, u li tażżarda tibni darek sewwasew fuq il-kosta, mikxufa għal kull għawġ li jista' jġib il-baħar ħaġ'oħra. Għalhekk kellu jgħaddi qrib seklu ieħor biex dan seta' jibda jseħħ. U għal darb'oħra San Ġiljan għandu wkoll xhieda bikrija ta' dal-fenomenu. Qed ngħid għall-Palazz Spinola li nbena fit-tmeninijiet tas-seklu sbatax. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Qala ta' Ġewwa saru jafuha bħala l-Bajja ta' Spinola.
Biex inkunu aktar korretti, irid jingħad li l-bini ta' Spinola ma kienx jikkonsisti biss fil-palazz imma kien kumpless sħiħ li jinkludi, barra mill-palazz majestuż u l-ġonna kbar tiegħu, il-Knisja tal-Kunċizzjoni u l-Arkati tas-Sajjieda, li t-tnejn għad nistgħu ngawduhom sal-lum. Il-Markiż Ġenoviż Francesco Napoleone Spinola di Roccaforte kien akkwista ħafna artijiet f'Malta u, billi kien devot kbir tal-Madonna, qatagħha li jwaqqaf abbazija f'Malta. Huwa nnomina lil ħuh Fra Paolo Raffaele, li kien il-Kavallier u Gran Prijur tal-Lombardija, bħala l-ewwel rettur li jibbenefika minn din l-abbazija. Bi flus ħuh, Fra Paolo bena l-Knisja tal-Kunċizzjoni li tbierket fl-10 ta' Settembru 1688. Bena wkoll il-Palazz u l-ġonna majestużi ta' madwaru li jagħtu fuq il-bajja li ġġib ismu. Interessanti ferm li dan il-palazz flimkien mal-ġonna kbar tiegħu nbena minn Spinola "Għall-mogħdija taż-żmien tal-pubbliku" kif tixhed l-iskrizzjoni li għadha tinqara sew fuq il-portiku.



Il-Kavallier Spinola

Il-palazz ġie mkabbar u msebbaħ min-neputi ta' Fra Pawl Rafel, il-balliju Ġwann Battista Spinola, li kien ukoll l-Ammirall tal-Flotta ta' l-Ordni, fl-1733. Dal-balliju kien ukoll it-tieni abbati u l-kuratur suċċessur ta' zijuh. Tant hu minnu li l-iskop ta' dil-fundazzjoni kien id-divertiment tal-poplu, li l-Balliju Spinola nnifsu kien jorganizza teatrin fil-beraħ fuq għolja għamla ta' nofs qamar faċċata tal-Belveder li sa ftit ilu kien għad hemm fil-ġonna tal-palazz.
Il-motivazzjoni filantropika tal-Balliju Spinola ħasbet ukoll biex tibbenefika s-sajjieda Ġiljaniżi billi, fuq ix-xatt mal-baħar u għall-kenn tal-palazz, bena arkati għad-dgħajjes tagħhom, waħda fuq kull naħa tat-taraġ li jinżel mill-palazz sal-baħar. Iskrizzjoni oħra fuq l-arkati, li ma tantx tinqara sew u li teħtieġ restawr tajjeb, tfakkar li dawn l-arkati nbnew fi żmien il-Gran Mastru Gregorju Caraffa (1680-1690). Hemmhekk is-sajjieda ta' dawn l-inħawi setgħu, kif għadhom sal-lum, ibiegħu l-qabda u jsewwu x-xbieki tagħhom imħarsin mix-xemx tisreġ tas-sajf u jiġbdu l-opri l-art meta l-baħar ikun irid jibla' l-art fil-Grigal tax-xitwa.
Tabilħaqq il-Kavallier Spinola kien benefattur kbir ta' San Ġiljan sa minn kmieni hafna u x-xbiha mirquma tiegħu li tinsab mitluqa fis-Sagristija tal-Knisja tal-Kunċizzjoni jixirqilha li tkun magħrufa aħjar mill-Ġiljaniżi li għadhom igawdu sal-lum mill-benefikati li wettaq hawn.